



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6765/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0056(NLE)

PECHE 73

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Marzu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 111 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 111 final.

Mehmuż: COM(2021) 111 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.3.2021
COM(2021) 111 final

2021/0056 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd
għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni. Normalment dawn l-opportunitajiet tas-sajd jiġu emendati diversi drabi fil-perjodu li matulu jkunu fis-seħħ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma mfassla f'konformità mal-objettivi u mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politiki fil-qasam tal-ambjent.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-obbligi tal-Unjoni għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin jirriżultaw mill-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku l-ġdid tal-PKS.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-Trattat. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja: il-PKS hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-proposta tqis ir-reazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati, il-Kunsilli Konsultattivi, l-amministrazzjonijiet nazzjonali, l-organizzazzjonijiet tas-sajjieda u l-organizzazzjonijiet nongovernattivi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-Proposta hija bbażata fuq il-parir xjentifiku tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-miżuri proposti mhux se jkollhom l-ebda implikazzjoni baġitarji.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għandhom l-għan li jimmodifikaw ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 kif deskritt hawn taħt.

Iċ-ċiċirell huwa speċi b'ħajja qasira u l-parir xjentifiku jkun disponibbli fit-tieni nofs ta' Frar, filwaqt li s-sajd jibda f'April. Fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92, il-limiti tal-qabdiet totali permissibbli (TAC) ġew stabbiliti għal zero. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan jiġi emendat f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku tal-ICES.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92¹ li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni
- (2) Fir-Regolament (UE) 2021/92, il-qabdiet totali permissibbli ("TAC") għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES, ġew stabbiliti għal żero sakemm jiġi ppubblikat il-parir xjentifiku, ipprovduta mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar ("ICES"), li ġie disponibbli fil-25 ta' Frar 2021. Iċ-ċiċċirell huwa speċi b'ħajja qasira u għaldaqstant is-sajd jibda fl-1 ta' April, f'tit wara l-pubblikazzjoni tal-parir xjentifiku.
- (3) Jenħtieġ li l-limiti tal-qbid taċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jiġu emendati f'konformità mal-aħħar parir xjentifiku tal-ICES.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2021/92 jistabbilixxi opportunitajiet preliminari tas-sajd għall-ewwel kwart tal-2021. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 tiegħu jistabbilixxi projbizzjoni mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021 għall-bastimenti li jistadu għaċ-ċiċċirelli bl-użu ta' ċertu rkaptu fis-subdiviżjonijiet 2a, 3a u fis-subżona 4 tal-ICES. Minħabba li dan ir-Regolament jistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd għas-sena sħiħa tas-sajd, jenħtieġ li dik il-projbizzjoni tkopri wkoll il-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu u l-31 ta' Diċembru 2021, l-istess bħas-sena 2020.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/92 jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2021/92 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet introdotti minn dan ir-Regolament emendatorju li jikkonċernaw il-limiti tal-qbid, japplikaw ukoll minn dik id-data. It-tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati għadhom ma ġewx eżawriti.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

- (7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni fid-dawl tal-urġenza li jibda l-istaġun tas-sajd għaċ-ċiċċirell fil-ħin fl-1 ta' April 2021.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92

Ir-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 14

Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirelli

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirelli bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm, huwa pprojbit fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021 u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2021.”;

- (2) L-Anness IA huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President